MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Numru. 263/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**ANDREW CARL SCIBERRAS**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Andrew Carl Sciberras, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 217705L.

**Akkuzat talli:**

1. Nhar l-1 ta` Dicembru 2012 u matul il-granet ta` qabel, gewwa dawn il-gzejjer, iffalsifika xi biljett tal-flus, jew mexxa biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li hu falsifikat;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza, legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minn ghand xi persuna, jew kellu fil-kustudja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess kien iffalsifikat.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz id-dokumenti kollha pprezentati mill-prosekuzzjoni, wara li rat li l-imputat qed iwiegeb hati ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni;

Wara li rat l-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata ta` l-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, wara li rat il-Fedina Penali netta u nadifa tal-imputat temmen illi nonostante piena karcerarja hija marbuta izda mhix wahda effettiva.

Ghaldaqstant dina l-Qorti qedgha tikkundanna lill-imputat ghal sentejn (2) prigunerija izda tordna li din is-sentenza ma tibdiex issehh sakemm fi zmien tliet (3) snin mil-llum jekk l-imputat jigi akkuzat u jinstab hati ta` reat iehor li mieghu igib il-piena ta` habs a tenur tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tordna li l-flus elevat jigu kkonsenjati lil Bank Centrali, liema flus gew irtirati mill-Prosekuzzjoni llum stess.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------